# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 601/01**

**Numru 34**

**Victor Zammit f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Molton Autoparts**

**vs**

**Dominic Azzopardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur pro et noe ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebgha u disghin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm897.06) rapprezentanti l-prezz ta' servizz lill-konvenut maghmul mill-attur nomine u ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata mill-istess attur nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' April 2001 u notifikata lill-konvenut fis-16 ta' April 2001 ammontanti ghas-somma ta' Lm13.50 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagment effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur pro et noe sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil-attur pro et noe s-somma ta' Lm897.06,0 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' April 2001 notifikata lill-konvenut fis-16 ta' April 2001 ammontanti ghal Lm13.50,0.

Alan Calleja
Dep.Reg